A.L. 138 tal-2019

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI (KAP. 542)
Ordni tal-2019 għat-Twaqqif tal-Aġenzija Festivals Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14 u 36 (1)(d) tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, b'konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2019 għat-Twaqqif tal-Aġenzija Festivals Malta.

(2) Dan l-Ordni għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Kultura jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għad-dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-ordni.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, sakemm il-kuntest ma jitlobx xort'oħra:

Kap. 542.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti;

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Festivals Malta kif stabbilita bl-artikolu 3;

"Bord" tfisser il-Bord kif stabbilit bl-artikolu 4;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Malti għall-Arti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-kultura.

Twaqqif tal-Aġenzija.

3. (1) Għandha tiġi stabbilita Aġenzija, li għandha tkun magħrufa bħala l-Aġenzija Festivals Malta, sabiex timplimenta l-għanijiet u twettaq dawk il-funzjonijiet kollha stabbiliti f'dan l-ordni u sabiex toħloq, iżżomm, torganizza, tamministra u tissorvelja l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' portafoll ta' avvenimenti kulturali u artistiċi nazzjonali u internazzjonali, festivals u proġetti tal-infrastruttura kulturali.

(2) L-Aġenzija għandha tkun korp ġuridiku li jkollu personalità legali distinta, u li tkun kapaċi tagħmel kuntratti, li tikseb u tiddisponi minn kull tip ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-ordni u kwalunkwe liġi oħra, li tħarrek u tiġi mħarrka, u li twettaq dawk il-ħwejjeġ kollha u tidħol f'dawk it-transazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-

eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha msemmija aktar ’il fuq.

(3) L-Aġenzija għandha tkun magħmula minn *Chairperson* maħtur skont l-artikolu 4(3) u mill-Bord stabbilit skont l-artikolu 4(2), u kwalunkwe unità oħra meħtieġa għat-twettiq tas-setgħat u l-funzjonijiet kif imfissra f’dan l-ordni.

(4) L-Aġenzija għandu jkollha s-setgħa li tfassal ir-regoli u l-proċeduri amministrattivi tagħha.

(5) L-Aġenzija għandha tilħaq l-għan tagħha permezz tat-twettiq, fost oħrajn, tal-funzjonijiet li ġejjin:

(a) tipprovdi l-pjattaforma xierqa sabiex issostni t-tkabbir u l-iżvilupp tal-portafoll ta’ festivals eżistenti;

(b) tipprovdi livelli ta’ eċċellenza fl-eżekuzzjoni ta’ avvenimenti u festivals, li jitqabblu mal-festivals internazzjonali ewlenin;

(ċ) tibni fuq il-portafoll attwali ta’ festivals u avvenimenti billi tintroduċi ideat ġodda u innovazzjoni u żżid l-involviment u l-parteċipazzjoni tal-udjenza;

(d) tiżviluppa l-portafoll tal-festivals f’pjattaforma kreattiva kontinwa għal artisti Maltin u internazzjonali u operaturi kreattivi permezz tal-kummissjoni ta’ xogħol ġdid fi sħubija ma’ organizzazzjonijiet u festivals tal-arti nazzjonali u internazzjonali u l-esportazzjoni tagħhom;

(e) iżżid il-parteċipazzjoni lokalment permezz ta’ kummerċjalizzazzjoni iktar iffukata u effettiva bbażata fuq is-segmentazzjoni u attivitajiet ta’ komunikazzjoni;

(f) tiżviluppa strateġiji distinti għal kull festival biex tinvolvi udjenzi u setturi diversi tas-soċjetà;

(g) tipprovdi l-għodod u l-istrumenti adattati sabiex jagħmlu iktar faċli li wieħed jattendi festivals u tiżdied l-parteċipazzjoni u l-involviment tal-udjenza;

(h) taħdem mill-qrib mal-industrija Maltija tal-ivvjaġġar sabiex tiżviluppa l-immaġni u l-marka ta’ Malta internazzjonalment bħala *niche* li qed tikber fit-turiżmu kulturali;

(i) tinkoraġġixxi kalendarju nazzjonali tal-arti u l-kultura, li joffri programm konsolidat u jixpruna sinerġiji, impatt u allinjament ikbar f’organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi u

privati;

(j) tistabbilixxi netwerk b'saħħitha ta' affiljazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet kulturali lokali u internazzjonali, li tinkludi ukoll sħubijiet ta' festivals reġjonali;

(k) tipprovdi l-istrumenti ta' sostenn sħiħ għal avvenimenti u festivals f'Malta u lil hinn, permezz ta' teknoloġija, komunikazzjoni, kummerċjalizzazzjoni u għajnuna komuni;

(l) tinfluwenza s-sinerġiji u ttejjeb l-ispejjeż fid-diversi organizzazzjonijiet fejn possibbli;

(m) tiddetermina rikonoxximent ulterjuri tal-marka għall-prodott tal-Aġenzija;

(n) teżerċita kull funzjoni oħra li tista' tiġi assenjata mill-Ministru.

Kompożizzjoni tal-Bord.

4. (1) Il-Bord għandu jkun magħmul minn *Chairperson* u mhux anqas minn erba' (4) u mhux aktar minn għaxar (10) membri votanti.

(2) Il-membri tal-Bord għandhom jiġu maħtura mill-Ministru.

(3) Il-Ministru għandu jaħtar wieħed (1) mill-membri tal-Bord bħala *Chairperson* mhux Eżekuttiv.

(4) Kull membru tal-Bord għandu jokkupa dik il-kariga għal terminu ta' tliet (3) snin u l-membri għandhom ikunu eliġibbli sabiex jinħatru mill-ġdid mal-iskadenza tat-terminu tal-kariga tagħhom.

(5) Il-Ministru jista' jaħtar kwalunkwe membru ieħor tal-Bord bħala Deputat *Chairperson* u l-membru hekk maħtur għandu jkollu s-setgħat kollha li jwettaq il-funzjonijiet kollha taċ-*Chairperson* fin-nuqqas temporanju taċ-*Chairperson* jew inabbiltà li jaġixxi bħala *Chairperson*, jew waqt li ċ-*Chairperson* ikun indispost, jew waqt kwalunkwe vakanza fl-inkariga ta' *Chairperson*:

Iżda jekk l-assenza taċ-*Chairperson* tkun permanenti jew tkun tali li l-funzjonament tal-Bord jiġi affettwat, il-Ministru jista' jaħtar kwalunkwe persuna oħra bħala *Chairperson*, f'liema każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet preċedenti fir-rigward ta' dik il-persuna.

(6) Persuna m'għandhiex tikkwalifika sabiex iżżomm il-kariga ta' *Chairperson* jew ta' membru tal-Bord jekk dik il-persuna:

(a) hija mħallef jew maġistrat tal-qrati tal-ġustizzja; jew

(b) hija legalment interdetta jew inabilitata; jew

(ċ) instabet ħatja ta' reat li jaffettwa l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi jew li xjentement irċeviet proprjetà miksuba minn serq jew frodi jew tixħim jew ħasil ta' flus; jew ingħatat sentenza għal terminu ta' priġunerija ta' mhux anqas minn tliet (3) xhur; jew

Kap. 386.

(d) hija soġġetta għal skwalifika taħt l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpanniji; jew

(e) għandha xi interess finanzjarju jew xi interess ieħor fi kwalunkwe impriża jew attività li x'aktarx taffettwa it-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet:

Iżda l-Ministru jista' jirrinunzja l-iskwalifika ta' persuna taħt dan il-paragrafu jekk dik il-persuna tiddikjara l-interess, u dik id-dikjarazzjoni u r-rinunzja jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni, l-kariga ta' membru tal-Bord għandha ssir vakanti:

(a) mal-iskadenza tat-terminu tal-inkariga tal-membru;

(b) jekk jinqalgħu xi ċirkostanzi li kieku ma kienx membru tal-Bord, kienu jiskwalifikawh milli jinħatar bħala membru; jew

(ċ) jekk il-membru jirreżenja jew jekk iseħħu ċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (9).

(8) Iċ-*Chairperson* jew kwalunkwe membru ieħor tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru qabel l-iskadenza tat-terminu tal-kariga tiegħu fejn, fl-opinjoni tal-Ministru, ikun ħati ta' kondotta ħażina jew minħabba l-inabbiltà li jkompli jwettaq il-funzjonijiet tal-inkariga tiegħu minħabba mard mentali jew tal-ġisem, imġieba ħażina jew kwalunkwe kawża oħra raġonevoli.

(9) Jekk il-kariga ta' membru tal-Bord tkun vakanti, jew jekk membru tal-Bord ma jkunx, għal xi raġuni, kapaċi jwettaq il-funzjonijiet tal-inkariga tiegħu, il-Ministru jista' jappunta persuna li hija kwalifikata sabiex tinħatar bħala membru tal-Bord; u kull persuna hekk maħtura għandha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (8), tieqaf milli tkun membru tal-istess meta tkun inħatret persuna sabiex timla il-vakanza jew, skont il-każ, meta l-membru li ma kienx

kapaċi jwettaq il-funzjonijiet tal-inkariga tiegħu jerġa' jibda jwettaqhom.

(10) (a) Il-Bord għandu jaġixxi wkoll jekk ikun hemm vakanza fost il-membri tiegħu:

Iżda għandu jkun hemm kworum f'kull laqgħa;

(b) (i) il-kworum fil-laqgħat kollha tal-Bord m'għandux ikun ta' anqas minn nofs il-membri votanti u wieħed;

(ii) fin-nuqqas taċ-*Chairperson* fi kwalunkwe laqgħa tal-Bord, id-Deputat *Chairperson* għandu jaġixxi bħala *Chairperson*; fin-nuqqas kemm taċ-*Chairperson* kif ukoll tad-Deputat *Chairperson*, il-membri preżenti jistgħu jagħżlu minn fosthom persuna sabiex taġixxi bħala *Chairperson* tal-laqgħa;

(ċ) id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u votanti. Iċ-*Chairperson* li jkun qed jippresjedi il-laqgħa għandu jkollu t-tieni vot jew vot deċiżiv;

(d) il-Bord għandu jżomm dak in-numru ta' laqgħat li jista' jkun meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, u għandu jiltaqa' mhux anqas minn darba fix-xahar. Iċ-*Chairperson* fuq inizjattiva tiegħu jew ta' kwalunkwe żewġ membri votanti jista' fi kwalunkwe waqt isejjaħ laqgħa tal-Bord.

(11) Ir-rimunerazzjoni mħallsa lill-Membri tal-Bord għandha tkun skont id-direttivi applikabbli u l-linji gwida maħruġa minn żmien għal żmien.

(12) Il-Bord għandu jaħtar wieħed mill-uffiċjali tal-Aġenzija sabiex jaġixxi bħala Segretarju tal-Bord għal dak il-perijodu li jqis li huwa adegwat.

(13) Il-Bord jista' jirregola l-proċedura tiegħu b'mod ġenerali u partikolari, għal dak li għandu x'jaqsam maż-żamma tal-laqgħat tal-Bord, l-avviż li għandu jingħata għal dawn il-laqgħat, il-proċedimenti fir-rigward tagħhom, iż-żamma tal-minuti, il-kustodja, il-produzzjoni u l-ispezzjoni ta' dawk il-minuti u l-ftuħ, iż-żamma, l-għeluq u l-verifika tal-kontijiet.

(14) Kull membru tal-Bord għandu jimximal-Kodiċi ta' Etika tal-membri tal-Bord fis-Settur Pubbliku maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim' Ministru. Kull Membru tal-Bord għandu wkoll jiffirma intendiment li jiddeskrivi l-obbligi tiegħu bħala membru tal-Bord, inkluż l-obbligu tal-kunfidenzjalità u li jirregola l-kunflitti ta' interess.

B 988

Ħatra tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

Kap. 595.

5. (1) Il-Bord jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, jaħtar Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni wara li tkun saret sejħa għall-applikazzjonijiet mill-Aġenzija għal dan il-għan jew, f'każ fejn ma tkun saret l-ebda sejħa, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħatra tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

(2) It-tmexxija eżekuttiva tal-Aġenzija, l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni tagħha u l-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni li għandu wkoll ikollu dawk is-setgħat l-oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu ddelegati lilu mill-Aġenzija u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak stabbilit preċedentement, għandu:-

(a) jassumi r-responsabbiltà kollha għas-sorveljanza ġenerali u l-kontroll tal-unitajiet, diviżjonijiet u sezzjonijiet tal-Aġenzija;

(b) jassenja lil kull unità, diviżjoni u sezzjoni dawk l-obbligi li huwa jqis huma meħtieġa jew spedjenti;

(ċ) jikkoordina x-xogħol tal-unitajiet, diviżjonijiet usezzjonijiet;

(d) jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Aġenzija; u

(e) jwettaq dawk l-obbligi l-oħra li l-Bord tal-Aġenzija jista' minn żmien għal żmien jassenjalu.

(3) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jattendi l-laqgħat tal-Bord u m'għandux ikollu vot f'dawk il-laqgħat:

Iżda l-Aġenzija tista', jekk tqis li dan huwa xieraq, tirrikjedi li l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni ma jattendi għall-ebda laqgħa jew jattendi biss għal parti minnha.

Rappreżentanza legali.

6. (1) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Aġenzija għandha tkun vestita fl-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni:

Iżda l-Aġenzija tista' taħtar permezz ta' riżoluzzjoni tal-bord bil-miktub kwalunkwe wieħed mill-membri jew uffiċjali jew impjegati tagħha jew aktar, sabiex jidher f'isimha jew għan-nom tal-Aġenzija fi kwalunkwe proċedimenti ġudizzjarji u fi kwalunkwe att, kuntratt, strument jew dokument ieħor ikun li jkun.

(2) Kwalunkwe dokument li jidher li huwa strument magħmul jew maħruġ mill-Aġenzija u ffirmat mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni,

għandu jiġi ammess bħala evidenza u għandu, sakemm ma jiġix pruvat xort'oħra, jitqies li huwa strument magħmul jew maħruġ mill-Aġenzija jew mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

Ħatra tal-persunal.

7. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, ta' kwalunkwe liġi oħra applikabbli għall-istess, u mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-ordni, il-ħatra tal-impjegati tal-Aġenzija għandha ssir mill-Aġenzija stess. It-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg għandhom jiġu stabbiliti mill-Aġenzija bi qbil mal-Ministru:

Iżda l-impjegati kollha tal-Aġenzija għandhom jitqiesu bħala impjegati tal-Aġenzija mat-twaqqif tal-Aġenzija.

(2) L-Aġenzija għandha taħtar u timpjega, b'dik ir-rimunerazzjoni u taħt dawk it-termini u l-kundizzjonijiet li tista' tiddetermina, dawk l-uffiċjali u impjegati tal-Aġenzija li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa għat-twettiq xieraq u effettiv tal-funzjonijiet tiegħu, skont id-direttivi maħruġa taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 595.

(3) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, l-Aġenzija tista' titlob, wara konsultazzjoni mal-Ministru, minn żmien għal żmien, li kwalunkwe impjegat pubbliku jiġi inkarigat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija f'dik il-kapaċità u b'effett minn dik id-data kif jista' jiġi speċifikat fid-direttiva. Kap. 595.

(4) Meta uffiċjal pubbliku jiġi inkarigat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija, dak l-uffiċjal għandu, fiż-żmien li matulu d-direttiva tkun effettiva fil-konfront tiegħu, ikun taħt id-direzzjoni amministrattiva u l-kontroll tal-Aġenzija, iżda mill-bqija għandu jibqa' u jżomm id-drittijiet u l-obbligi kollha bħala uffiċjal pubbliku, u għall-finijiet ta' kwalunkwe liġi relatata ma' pensjonijiet għal servizz mal-Gvern, servizz mal-Aġenzija għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern:

Iżda fl-evalwazzjoni tal-ħlas pensjonabbli ta' dak l-uffiċjal għall-finijiet ta' kwalunkwe liġi relatata ma' pensjonijiet għal servizz mal-Gvern, m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni l-ebda *allowance*, *bonus* jew gratwità mħallsa lil dak l-uffiċjal li jeċċedu dak li għalih huwa intitolat bħala uffiċjal pubbliku:

Iżda wkoll matul dak iż-żmien li fih ikun hekk inkarigat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija, it-termini u l-kundizzjonijiet tas-servizz m'għandhomx ikunu anqas favorevoli minn dawk annessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern matul il-perijodu imsemmi preċedentement. Dawk it-termini u l-kundizzjonijiet m'għandhomx jitqiesu li huma anqas favorevoli għaliex mhumiex fl-aspetti kollha

identiċi jew superjuri għal dawk li kien igawdi l-uffiċjal konċernat fid-data meta jkun ġie hekk inkarigat, jekk fl-opinjoni tal-Prim Ministru dawk it-termini u kundizzjonijiet, meħuda flimkien, joffru sostanzjalment benefiċċji ekwivalenti jew akbar.

(5) (a) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ħlasijiet pensjonabbli, l-inkarigi u l-livelli tas-salarji mal-Aġenzija għandhom jiġu klassifikati fil-gradi korrispondenti l-aktar viċin u l-livelli inkrimentali fis-servizzi tal-Gvern ta' Malta, b'referernza għad-deskrizzjonijiet, ħiliet, responsabbiltajiet u fatturi analogi oħra.

(b) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ħlasijiet pensjonabbli, l-ebda inkariga ma għandha tiġi klassifikata fi grad ogħla minn Grad 3 tas-servizz mal-Gvern jew xi grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien, b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

(ċ) Bla ħsara għal kwalunkwe liġi oħra, meta fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni, l-arranġamenti li jkunu saru fir-rigward tal-uffiċjali pubbliċi li jkunu ġew inkarigati skont kwalunkwe liġi applikabbli ma jkunux għadhom ġew finalizzati, il-Prim Ministru jista' joħroġ regolamenti bl-għan li jsolvi kwalunkwe diffikultajiet li setgħu qamu bejn iż-żmien meta l-uffiċjal pubbliku jkun ġie inkarigat sakemm jiġu finalizzati l-imsemmija arranġamenti.

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 174

8. (1) L-Aġenzija għandha tkun regolata permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet segwenti ta' dan l-ordni, l-Aġenzija għandha twettaq il-ħidma tagħha b'tali mod li n-nefqa rikjesta għall-iżvoliġiment xieraq tal-funzjonijiet tagħha għandu, safejn dan ikun prattikabbli, jiġi sodisfatt mid-dħul tagħha.

(3) Għal dan l-għan, l-Aġenzija għandha timponi t-tariffi kollha, rati u pagamenti oħra preskritti jew meqjusa li huma preskritti minn jew taħt dan l-ordni jew kwalunkwe liġi oħra relatata mas-setgħat u l-funzjonijiet tal-Aġenzija.

(4) L-Aġenzija għandha wkoll tirċievi mingħand il-Gvern, mill-Fond Konsolidat, dawk l-ammonti li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu awtorizzati għall-allokazzjoni biex tiġi koperta parti minn nefqa tagħha li ma tistax tiġi sodisfatta mid-dħul tagħha, kif ukoll spejjeż għal xogħlijiet speċifiċi li għandhom jitkomplew jew li għandhom xort'oħra jiġu eżegwiti mill-Aġenzija.

(5) Kwalunkwe eċċess ta' dħul fuq in-nefqa għandu, bla ħsara għal kwalunkwe direttivi li l-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-

Ministru responsabbli għall-finanzi, minn żmien għal żmien jagħti, jiġi applikat mill-Aġenzija għall-formazzjoni ta' fondi ta' riżerva li għandhom jintużaw għall-għanijiet tal-Aġenzija; u bla ħsara għall-ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Ministru permezz ta' dan is-subartikolu, kwalunkwe direttiva mogħtija mill-Ministru kif diġà ntqal, tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern ta' Malta jew l-applikazzjoni b'mod li jista' jiġi speċifikat fid-direttiva, ta' kwalunkwe parti mit-tariffi, rati u pagamenti oħra imposti skont is-subartikolu (3) jew kwalunkwe eċċess kif preċedentement stabbilit.

(6) Kwalunkwe fondi tal-Aġenzija li mhumiex minnufih rikjesti sabiex jissodisfaw in-nefqa, jistgħu jiġu investiti b'dak il-mod li jista' minn żmien għal żmien jiġi approvat mill-Ministru.

Dispożizzjonijiet applikabbli oħra.

9. Ir-regoli u d-dispożizzjonijiet li jinsabu taħt it-Taqsima V tal-Att għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għall-Aġenzija.

Jemenda t-Tieni Skeda tal-Att.

10. Fit-Tieni Skeda tal-Att, minnufih wara l-paragrafu (h) għandu jiżdied dan li ġej:

"(i) Aġenzija Festivals Malta".